**QORTI ĊIVILI**
**(SEZZJONI FAMILJA)**

**ONOR. IMHALLEF**
**JACQUELINE PADOVANI GRIMA LL.D., LL.M. (IMLI)**

**Seduta ta' nhar it-13 ta' Ottubru 2021**

**Cit. Nru.: 227/2018 JPG**

**Kawza Nru : 19**

**MZ**

**Vs.**

**PZ**

**Il-Qorti:**

Rat ir-rikors ta' MZ datat 31 ta' Awwissu 2018, a fol 1 et seqq., li jaqra hekk:

1. *Illi l-partijiet iżżewġu fis-sebgha (7) ta' Lulju tas-sena elfejn u sebgha (2007) (ara certifikat taz-zwieg anness bhala Dok MZ1).*

2. *Illi minn dan iz-zwieg il-partijiet kellhom zewgt (2) itfal, AD li twieled f'X u AX li twieled f'Y, li ghadhom it-tnejn minorenni;*

3. *Illi l-konvenut rrenda l-ħajja matrimonjali ta' bejn l-partijiet impossibbli, permezz ta' sevizzi, moħqrija u theddid, vjolenza domestika, abbuz piskologiku fost ragunijiet oħrajn fil-konfront tal-istess attriċi u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

4. *Illi l-konvenut huwa persuna vjolenti u l-esponenti soffriet diversi inċidenti ta' vjolenza domestika izda dejjem ħafritlu u anki dawn il-proċeduri kienet iċedihom għax tibza li jibqa jinqala l-inkwiet; u bit-tir li jaslu għall-separazzjoni bonarja; Illi fil-fatt zewġ attentati ta' bonarja sfaxxaw fix-xejn minħabba l-konvenut u ħadd aktar;*

5. *Illi fil-prezent l-esponenti anki għandha ordni ta' protezzjoni maħruġha favuriha mill-Maġistrat Donatella Frendo Dimech nhar it-tmintax (18) ta' Lulju tas-sena elfejn u tmintax (2018) fil-kawza* **Il-Pulizija vs. PZ**, *u dana kif jirrizulta mill-garanzija hawn annessa bħala Dokument MZ3; liema garanzija ħarġet ai termini ta' dak li jipprovdi l-Artikolu 412Ċ (4) tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta;*

6. *Illi l-esponenti kienet kostretta titlaq mill-fond matrimonjali minħabba din il-vjolenza u ilha li telqgħet bl-ulied b'kollox minħabba dan l-abbuz sa minn Jannar tas-sena elfejn u sbatax (2017) fejn sabet refuġja għand ommha u missierha izda fil-present kellha tikri fond minħabba li ma setgħetx tibqa tgħix hemm;*

7. *Illi l-konvenut qatt ma qal lil-attriċi x'għandhom flus u fejn qiegħed jinvesti l-flejjes tal-kommunjoni u minflok kien dejjem imur għand missieru biex jinvestihom u għadha sal-llum ma tafx x'hemm flejjes fil-kommunjoni;*

8. *Illi minħabba f'dan, iż-żwieg ta' bejn il-partijiet tkisser irrimedjabbilment b'tort uniku tal-istess konvenut kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawza;*

9. *Illi l-partijiet ġew debitament awtorizzati biex jipproċedu bl-istanti permezz ta' digriet mogħti minn din l-wisq Onorabbli Qorti (Digriet tal-awtorizzazzjoni anness u mmarkat Dok MZ3);*

10. *Illi l-esponenti dejjem gabet ruħha ta' mara mizzewwġa u zammet l-interessi tal-familja, u ta' uliedha fuq quddiem; u dana bil-kontra tal-konvenut u dan kif ser jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni ta' din il-kawża;*

*Jgħid għalhekk il-konvenut l-għaliex m'għandhiex din l-Onorabbli Qorti, prevja u okkorrendo kull dikjarazzjoni meħtiega u opportuna u għar-raġunijiet fuq imsemmija li:*

1. *Tiddikjara u tippronunzja s-separazzjoni personali bejn l-kontendenti u dan minħabba tortijiet unikament u esklussivament imputabbli lill-konvenut kif fuq*

*spjegat u tawtorizza l-attriċi sabiex tgħix separatament minn mal-konvenut;*

2. *Tordna li l-kura u l-kustodja tal-minuri AD li twieled f'X u AX li twieled f'Y tiġi assenjata esklussivament f'idejn l-attriċi;*

3. *Tillikwida ammont adegwat ta' manteniment għall-ulied li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lil-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lil-attriċi dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegħ tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja.*

4. *Tiffissa access ghaz-zewgt ulied a favur il-missier jekk ikun hemm bzonn taht supervizjoni tal-Agenxija Appogg kif l-ahjar fl-interess tal-ulied;*

5. *Tiddikjara li l-konvenut iddekada minn kwalsiasi dritt li jitlob jew jipperċepixxi manteniment mingħand l-attrici;*

6. *Tillikwida manteniment adegwat għall-attriċi li għandu jkun pagabbli mill-konvenut lil-attrici filwaqt li tordna u tikkundanna lill-istess konvenut sabiex iħallas lil-attriċi dik ir-retta alimentarja hekk likwidata u tordna li dawn l-alimenti jiġu mnaqqsa direttament mis-salarju jew qliegh tiegħu mill-impjieg jew xogħol li huwa għandu/jista' jkollu jew bi standing order u tipprovdi dwar l-modalitajiet ta' kif l-istess manteniment għandu jiġi rivedut u jawmenta kull sena biex jirrifletti z-zieda fil-għoli tal-ħajja.*

7. *Tapplika kontra l-konvenut l-effetti in toto jew in parte tal-artikoli 48 sa 52 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta sa fejn applikabbli, inkluza l-komminazzjoni li tilef kull dritt li jiret lil-attriċi.*

8. *Ixxolji u tillikwida l-proprjeta komuni li hemm ezistenti bejn il-partijiet u taqsamha f'zewġ porzjonijiet mhux necessarjament ugwali fid-dawl li l-konvenut huwa unikament ħati għas-separazzjoni personali u tassenja porzjoni lill-attriċi u porzjoni lil-konvenut ope sententiam billi tikkunsidra*

*wkoll id-dati tal-akkwist tad-diversi beni u d-data minn meta l-konvenut ghandu jkun ikkunsidrat hati tat-tortijiet kommessi minnu b'konsegwenza ta' liema z-zwieg tkisser irrimedjabilment, filwaqt li tinnomina nutar biex jircievi l-att relattiv li fih jinkorpora l-effetti kollha tas-sentenza u kuraturi sabiex jirraprezentaw lill-eventwali kontumacja fuq l-istess att.*

9. *Tikkundanna lill-konvenut sabiex jirrestitwixxi lil-attriċi l-beni kollha dotali u/jew parafernal tagħha li jirrizultaw waqt it-trattazzjoni tal-kawza, u dana fi żmien qasir u perentorju li għandu jigi lilu prefiss minn din l-Onorabbli Qorti u fin-nuqqas li l-konvenut jagħmel dan, tikkundannah iħallas lill-attriċi dik is-somma li għandha tiġi likwidata, okkorrendo bl-opera ta' periti nominandi, rapprezentanti l-valur tal-beni dotali u/jew parafernali sudetti.*

10. *Tassenja lill-attrici l-beni parafernali taghha u /jew il-valur tal-istess u tordna lill-konvenut sabiex jirritorna lill-attrici l-beni kollha parafernali taghha, jew il-valur relattiv tal-istess jekk ikun il-kaz;*

11. *Tiddikjara li l-fond ossia l-fond li jismu 'Sun Valley' Triq San Tumas, Hal Safi ma għandux jibqa jitqies bħala d-dar matrimonjali;*

12. *Taħtar u tappunta periti teniċi sabiex jagħmlu stima tax-xogħolijiet u benefikati li saru fl-imsemmi fond matrimonjali u tillikwida l-benefikati u sommom oħra dovuti lil attriċi nkwantu spejjez li saru fil-binja u kif ukoll fil-mobbli ġewwa l-imsemmi fond proprjeta parafernali tal-konveut;*

13. *Tordna l-bejgh b'licitazzjoni tal-għalqa, art fabbrikabbli tal-kejl ta' circa tlett mija u hamsa u disghin punt tmienja metri kwadri (395.9 m.k.) li hemm fi triq in-Nghssaba, Hal Safi, libera u franks, bid-drittijiet u l-pertinenzi taghha kollha konfinanti nofsinhar mat-triq minn fejn hi accessibbli, punent ma beni ta' Paul Busuttil u tramuntata ma' beni ta' John Galea jew irjieh verjuri aktar ezatti, kif ahjar deskritta fil-kuntratt ta' akkwisti fl-atti tan-nutar Dottor Sandra Bugeja datat hmistax (15) ta' Dicmebru elfej nu erbatax (2014);*

14. *Tinnomina Nutar Pubbliku sabiex jippubblika l-Att relattiv u kuraturi deputati sabiex jirrapprezentaw lill-eventwali kontumaci;*

15. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fis-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007);*

16. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

17. *Tawtorizza lill-attrici sabiex tirregistra l-eventwali sentenza fir-Registru Pubbliku.*

*Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri kollha quddiem l-Qorti Civili (Sezzjoni tal-Familja) u tal-medjazzjoni precedenti għal dan ir-rikors, kontra l-konvenut li hu minn issa inġunta għas-subizzjoni.*

Rat li l-atti tar-rikors promotur, d-digriet ta' din il-Qorti gew debitament notifikati skond il-ligi;

Rat ir-risposta u r-rikors guramentati ta' PZ datati 22 ta' Frar 2019, vide fol 30 et seqq.;

Rat id-digriet taghha datat 15 ta' Dicembru 2020, illi permezz tieghu, awtorizzat lill-partijiet sabiex jaddivjenu ghall-iffirmar u l-pubblikazzjoni tal-abbozz, liema abozz gie ippubblikat nhar il-15 ta' Marzu 2021 in atti tan-Nutar Melvin Polidano, (vide fol 53 u 58 et seqq.);

Rat in-Nota tal-attrici datata 5 ta' Lulju 2021, li permezz taghha cediet t-talbiet tar-rikors promotur taghha datat 31 ta' Awwissu 2018 stante li l-kontendenti ffirmaw l-kuntratt ta' separazzjoni konsenswali fil-15 ta' Marzu 2021 u zammet ferm ghat-talbiet numerati 15 u 16, u cioe t-talba ghal-divorzju u r-registrazzjoni tieghu (vide fol 89);

Rat in-Nota ta' PZ datata 18 ta' Marzu 2021, li permezz taghha, ceda il-kontro-talba tieghu pero indika li kien qed jaqbel mat-talbiet attrici numerati 15 u 16, u cioe:

15. *Tippronunzja l-hall taz-zwieg li gie celebrat bejn l-partijiet fis-sebgha (7) ta' Lulju elfejn u sebgha (2007);*

16. *Tordna lir-Registratur tal-Qorti sabiex fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku kemm bis-separazzjoni kif ukoll bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dawn jigu registrati fir-Registru Pubbliku.*

Ezaminat ix-xhieda bil-gurament;

Rat l-Artikoli 66A, 66B u 66C tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

**Ikkonsidrat:**

Illi din il-Qorti tosserva illi l-proceduri de quo essenzjalment kienu originarjament intizi bhala proceduri ta'separazzjoni personali u dana kif jirrizulta mir-rikors promotur intavolat mill-attrici a fol 1 et seq tal-process u mir-risposta u l-kontro-talba prezentati mill-konvenut a fol 30 et seq ta-process.

Illi fis-seduta tal- 14 ta' Dicembru 2020, il-partijiet kienu infurmaw lil din il-Qorti kif preseduta illi gie intavolat rikors ghall-awtorizazzjoni ta' abbozz ta' kuntratt ta' separazzjoni, liema abbozz sussegwentement kien gie awtorizzat minn din il-Qorti kif jirrizulta mill-verbal tas-seduta tad-29 ta' Jannar 2021. Illi l-kuntratt gie effettivament ppublikat minn Nutar Dr Melvin Polidano nhar il-15 ta' Marzu 2021.

Illi permezz ta' Nota datata 5 ta' Lulju 2021, l-attrici cediet t-talbiet kollha tar-rikors promotur taghha u peress li l-kontendenti ffirmaw u ppubblikaw l-kuntratt ta' separazzjoni personali ghajr ghat-talbiet numerati 15 u 16; (vide fol 89), cioe' t-talbiet ghad-divorzju.

Illi permezz ta' Nota prezentata nhar it-18 ta' Marzu 2021, il-konvenut ceda l-kontro talba tieghu u ddikjara illi huwa jaqbel mat-talbiet numru 15 u 16 proposti mill-attrici sabiex jigi ppronunzjat id-divorzju bejn il-partijiet stante li l-partijiet kien ilhom aktar minn 4 snin separati *de facto.*

Il-Qorti rat illi permezz tal-kuntratt esebit il-partijiet irregolaw is-separazzjoni taghhom, il-kura u l-kustodja, manteniment u access ta' uliedhom minuri, u li tterminaw u xoljew il-komunjoni tal-akkwisti li kienet ghadha ezistenti bejniethom.

Illi in vista ta' dawn il-konsiderazzjonijiet, din il-Qorti sejra tghaddi sabiex tqis jekk effettivament

jezistux ir-rekwiziti necessarji sabiex tippronunzja il-hall taz-zwieg tal-partjiet.

**Ikkonsidrat:**

Rat l-Artikoli 66A u 66B tal-Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta fejn inghad:

***66A.(1) Kull wieħed u waħda mill-miżżewġin ikollu l-jedd illi jitlob id-divorzju jew il-ħall taż-żwieġ skont kif inhu maħsub f'danis-Sub-Titolu. Ma jkunx meħtieg illi qabel ma jiġi mitlub id-divorzju, il-miżżewġin ikunu infirdu minn xulxin b'kuntratt jew b'sentenza.***

***(2) Id-divorzju jew ħall taż-żwieġ jingħata bis-saħħa ta' sentenza tal-qorti ċivili kompetenti fuq talba ta' wieħed jew l-oħra mill-miżżewġin, jew b'digriet tal-istess qorti fejn il-miżżewġin ikunu qablu illi ż-żwieġ tagħhom għandu jiġi maħlul.***

***(3) It-talbiet kollha għad-divorzju, għandhom jinġiebu quddiem is-sezzjoni xierqa tal-qorti ċivili kif jiġi stabbiliti b'regolamenti magħmulin mill-Ministru responsabbli għall-ġustizzja, u d-dispożizzjonijiet tal-artikolu 37 japplikaw mutatismutandis. Id-digrieti u s-sentenzi tad-divorzju jingħataw fil-qorti fil-miftuħ.***

***(4) Il-qorti għandha, fid-digriet jew sentenza ta' divorzju tindika b'mod ċar in-numru progressiv tar-reġistrazzjoni tal-Att taż-Żwieġ, u n-numru ta' identifikazzjoni tal-partijiet, u, tordna lir-Reġistratur tal-Qrati sabiex, fiż-żmien imħolli għal daqshekk mill-istess qorti, javża lid-Direttur tar-Reġistru Pubbliku bid-divorzjutal-partijiet biex dan jiġi reġistrat fir-Reġistru Pubbliku***

***66B.* Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet li ġejjin ta' dan l-artikolu, id-divorzju ma jistax jingħata ħlief b'talba ta' żewġ persuni miżżewġa flimkien jew ta' waħda minnhom kontra l-oħra, u sakemm il-qorti tkun sodisfatta li:***

***(a) fil-każ li t-talba tkun qed issir miż-żewġ konjuġi flimkien, fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjoduta', jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sittxhur mis-sena preċedenti:Iżda fejn it-talba tkun qed issir minn konjuġi minnhom kontra l-ieħor, fid-data li jibdew***

***il-proċeduri ta' divorzju,il-konjuġi jkunu għexu mhux flimkien għal perjodu ta',jew perjodi li jammontaw għal, mill-anqas sena mis-sentejn preċedenti; jew***

***(b) fid-data li jibdew il-proċeduri ta' divorzju, il-konjuġi jkunu separati b'kuntratt jew b'sentenza tal-qorti; u***

***(ċ) ma hemm l-ebda prospett raġonevoli għal rikonċiljazzjoni bejn il-miżżewġin; u***

***(d) il-miżżewġin u kull wild tagħhom qed jirċievu manteniment adegwat, fejn hu dovut, skont iċ ċirkostanzi partikolari tagħhom, kif hemm maħsub fl-artikolu:***

***Iżda l-miżżewġin jistgħu f'kull żmien jirrinunzjaw għad-dritt tagħhom ta' manteniment:***

***Iżda wkoll għall-fini ta' dan il-paragrafu, l-manteniment ordnat mill-qorti b'sentenza ta' separazzjoni jew miftiehem bejn il-miżżewġin f'kuntratt ta' separazzjoni għandu jiġi meqjus bħala manteniment adegwat:Iżda wkoll id-divorzju ppronunzjat bejn persuni miżżewġin li kienu separati b'kuntratt jew b'sentenza ma jġib ebda bidla f'dak ordnat jew miftiehem bejniethom, ħlief għall-effetti tad-divorzju li joħorġu mil-liġi.***

**Ikkonsidrat:**

Mill-atti jirrizulta soddisfacentement pprovat illi l-partijiet kienu zzewgu nhar is-sebgha (7) ta' Lulju 2007 (vide certifikat taz-zwieg mmarkat bhala Dok MZ1 a fol 9 tal-process). Illi minn dana z-zwieg, il-partijiet kellhom zewgt itfal, AD li twieled f'X u AX li twieled f'Y, t-tnejn ghadhom minorenni.

Illi kif indikat miz-zewg partijiet fl-affidavits rispettivi taghhom, il-partijiet jiddikjaraw illi huma ilhom ma jghixu flimkien minn Settembru 2016. B'hekk huwa sodisfatt ir-rekwizit tal-ligi illi l-partijiet iridu jkunu separati anke jekk *de facto* ghal aktar minn erba' (4) snin. Illi jidher ukoll li m'hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni, b'dana illi anke dan ir-rekwizit hekk kif stipulat fil-ligi jirrizulta wkoll sufficjentement pprovat.

Illi l-Qorti tosserva illi kif jirrizulta mill-kuntratt ta' separazzjoni *a fol 59 et seq* tal-process, il-partijiet reciprokament iddekadew mid-dritt ta' manteniment, b'dana illi fir-rigward tal-minuri gie maqbul illi il-kura u kustodja tal-istess ser tibqa wahda' kongunta u li l-intimat qieghed obbligat jivversa s-somma ta' EUR 225 ghal kull wild fix-xahar, filwaqt illi l-ispejjes ta' sahha, edukazzjoni u attivitajiet extra-kurrikulari ghandhom jinqasmu ugwalment bejn il-partijiet.

Illi ghalhekk din il-Qorti jidhrilha li l-attrici rnexxilha tissodisfa r-rekwiziti kollha mehtiega mill-ligi sabiex iz-zwieg taghha mal-konvenut jigi mahlul.

**Ghal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeciedi billi tilqa' t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet MZ u PZ liema zwieg jgib ic-certifikat numru 1168/2007 u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien moghti mil-Ligi, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku.**

**Il-Qorti tordna spejjes jibqghu bla taxxa bejn l-partijiet.**

**Moqrija**

**Mhallef Jacqueline Padovani Grima LL.D. LL.M. (IMLI)**

**Christabelle Cassar**
**Deputat Registratur**